MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1579/2005

**Maltacom plc**

**vs**

**Charles sive Carmel Camilleri**

It-Tribunal

Ra l-Avviz prezentat fis-26 ta’ Lulju 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta’ erbgha mija u tlett liri Maltija u wiehed u erbghin ccentezmu (Lm403.41) ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21220825 u 21804773, b’l-imghaxx mid-data tal-prezentata ta’ l-avviz u b’l-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha qal li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa mhux il-legittimu kuntradittur u dan minhabba li huwa applika

ghas-servizz tal-Maltacom f'isem is-socjeta *Blue Waters Fibre Glass*.

Ra d-dokumenti esibieti kif ukoll ix-xhieda tal-PL Noel Scerri in rapprezentanza tas-socjeta attrici u tal-konvenut Charles Camilleri.

Semgha t-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidra

Jirrizulta li l-konvenut applika ghal servizz telefoniku li gie provdut fil-fond *Blue Waters* 77 Luqa *Industrial Estate* Luqa (ref applikazzjoni Dok A a fol 2 tal-process). Huwa applika wkoll ghal servizz telefoniku li gie provdut f'fond f'*Palm Street* Luqa (ref applikazzjoni Dok C a fol 6 tal-process).

Il-konvenut jammetti li kien huwa li applika ghas-servizz telefoniku msemmi, pero jikkontendi li huwa m'applikax f'ismu imma f'isem socjeta. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li filwaqt li fir-risposta l-konvenut jallega li l-applikazzjonijiet saru f'isem is-socjeta *Blue Waters Fibre Glass* fix-xhieda tieghu l-konvenut jghid li huwa applika f'isem is-socjeta *Blue Waters Fibre Glass* ghal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni Dok A u f'isem is-socjeta *Shower Splash* ghal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni Dok C. Mill-atti pero ma tirrizulta l-ebda prova li turi li dawn iz-zewg socjetajiet fil-fatt jezistu u min ghandu r-rapprezentanza taghhom, bhal per ezempju l-*memorandum and articles of association* jew xi document ufficcjali iehor.

Il-konvenut jghid ukoll li kull meta huwa jiffirma ghan-nom ta' kumpanija jindika li qed jiffirma *on behalf of the company*. Pero l-istess konvenut jammetti li fiz-zewg applikazzjonijiet imsemmija m'hemm xejn li jindika li huwa kien qed jiffirma in rapprezentanza ta' xi socjeta kummercjali. Ezami ta' dawn iz-zewg dokumenti fil-fatt jikkonferma li m'hemm xejn li jindika li l-applikazzjonijiet saru f'isem xi socjeta, jew li l-konvenut kien qed jiffirma l-applikazzjoni in rapprezentanza ta' terzi. Ghalhekk s-

socjeta attrici hija gustifikata li tindirizza t-talbiet taghha lill-attur *de propio.*

Il-konvenut ma kkontestax il-fatti li s-servizz li ghalih qed jintalab il-hlas gie provdut u lanqas ma kkontesta l-ammont mitlub.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi, filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erbgha mija u tlett liri Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm403.41) b'l-imghaxx mid-data tal-prezentata ta' l-avviz u b'l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------